MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Numru. 376/2007

**PULIZIJA
SUPRETENDENT MARTIN SAMMUT
VS
IMPUTAT**

Il- Qorti

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat, ta' omissis, omissis, imwieled omissis, residenti omissis u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru omissis.

Illi huwa akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer fis-sena 2004 u s-sena 2003, gewwa Rahal X u bnadi ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiskru l-istess dispozizzjonijiet tal-

Ligi u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta stupri vjolenti fuq il-persuna ta' Minuri B, minorenni, liema delitti huma aggravati peress li huwa kien axxendent, tutur jew istitur fuq l-istess minorenni;

2. Akkuzat aktar talli, f'xi zmien bejn is-sena 2003 u s-sena 2005, gewwa Rahal X u bnadi ohra, ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta' Minuri S, minorenni, liema delitt huwa aggravat peress li huwa kien axxendent, tutur jew istitur fuq l-istess minorenni;

3. Akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fis-sena 2004 u 2003, gewwa Rahal X u bnadi ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni kkorrompa lill-imsemmi Minuri B minorenni, meta hu kien axxendent mid-demm jew bi zwieg, u li imqarr ghal xi zmien l-istess minuri gie fdat lilu sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu;

4. U aktar akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-sena 2004 u s-sena 2003, gewwa Rahal X u bnadi ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta diversi attentati vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' l-imsemmi Minuri B, minorenni;

5. U aktar akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-sajf tas-sena 2004 u fis-snin ta' qabel, gewwa Rahal X, San Giljan, San Gwann u bnadi ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, minghajr setgha skond il-Ligi ta' Awtorita' Kompetenti u barra mill-kazijiet fejn il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Minuri B minorenni u dan sabiex igieghlu jaghmel jew joqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess tieghu;

6. U aktar akkuzat talli talli f'dawn il-Gzejjer fis-sajf tas-sena 2006 u fis-snin ta' qabel, gewwa Rahal X, San Giljan, San Gwann u bnadi ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'eghmil zieni kkorrompa lil Minuri S minorenni, u Minuri K minorenni, u persuni ohra, ilkoll persuni li kienu ghadhom ma ghalqux l-eta ta' tnax-il sena u meta hu kien axxendent mid-demm jew bi zwieg, u li imqarr ghal xi zmien l-istess minuri gew fdati lilu sabiex jiehu hsiebhom, jedukhom, jghallimhom, jindukrhom jew izommhom;

7. U aktar akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-bidu tas-sena 2007 u fis-snin ta' qabel, gewwa Rahal X, San Giljan, San Gwann u bnadi ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, eccita, ghen jew iffacilita l-korruzzjoni ta' Minuri S minorenni, u minorenni ohrajn tas-sess il-wiehed jew l-iehor;

8. U aktar akkuzat talli fis-sajf tas-sena 2005, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika ndecenti bhal dawn, liema reat huwa aggravat bil-fatt li xi uhud minn dawn ir-ritratti, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika indecenti juru persuni taht l-eta' li ma kienux ghalqu d-disa' snin;

9. U aktar akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-sajf tas-sena 2006 u fis-snin ta' qabel, gewwa Rahal X, San Giljan, San Gwann u bnadi ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda offenda l-

pudur jew il-morali, b'eghmil li sar fil-pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol. 292) taht liema Artikoli din il-Qorti tista` ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tal-10 ta` Ottubru, 2008 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti ( a fol 291);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Supretendent Martin Sammut xhed (ara fol. 18 et seq) li certu omissis missier fit-28 ta` April 2007, rregistra rapport illi bintu Minuri S ta` tlettax il-sena kient sfat vittma ta` abbuz sesswali minn membru tal-familja u cioe` l-imputat li jigi ziju tar-rispett u li dan l-abbuz gie prattikat fuq medda ta` snin u cioe` min mindu kellha tmien snin.  L-abbuz sesswali kien jikkonsisti f`tokkamenti ta` sider u partijiet genitali tal-minuri, minn fuq u minn taht il-hwejjeg.

L-imputat gie arrestat in segwitu tal-Mandat ta` Arrest mahrug mill-Magistrat Dr. A. Vella Dok MS1 u MSE.

Supretendent Sammut xhed illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta l-abbuz sesswali fuq il-minuri Minuri S, ammetta wkoll l-abbuz sesswali fuq neputija ohra Minuri K, liema abbuz sehh fil-granet tas-Sajf meta l-familji kienu jmorru *camping* flimkien u waqt *barbeques* fil-*weekends* fil-granet tas-Sajf.

Supretendent Sammut xhed li hu Minuri S u cioe Minuri B, li kien prezenti meta sar r-rapport l-Ghassa tal-Pulizija,

informa lill-istess Pulizija illi l-imputat kien urih *video clip* fuq il-*mobile phone* tieghu (tal-imputat) li kien jikkonsisti fi filmat tal-imputat jipprattikaw sess orali liema filmat gie muri lil Minuri S u Minuri B mill-imputat. Fid-dawl ta` din l-allegazzjoni – cioe l- allegazzjoni ta’ pussess ta’ pornografija tat-tfal, fuq il-*computer* tal-imputat, l-Pulizija wettqet tfixxija u gie elevat il-*computer* tal-imputat, li minn jeddu kkonsenja lill-Pulizija *DVD* tal-filmat indikat minn Minuri B. Il-Magistrat Inkwerenti Dr. Vella hatar lil Martin Bajada u PC1147 ghal elevar u analizi rispettivament.

Fid-dawl tal-allegazzjonijiet ta` Minuri B, Supretendent Sammut kellem lil dan il minuri li kkonferma li fil fatt, sehh fuqu wkoll l-abbuz sesswali. Zied jghid li f`zewg okkazzjoni, l-imputat pprova jippenetra lil Minuri B u gieghel lil Minuri jippenetra lilu (imputat): **“kien messu iva pero` ma komplewx sejrin bil-azzjoni ghax anke hu t-tifel kien hassu skomdu”** u l-imputat waqaf min jeddu.

L-istqarrija tal-imputat giet ezebit u mmarkata Dok. MS3.

L-imputat stqarr illi, meta kien ghadu zghir, kien gie abbuzat sesswalment minn koppja.

A fol. 24, Supretendent Sammut xhed li fil-kors tal-istqarrija tieghu, l-imputat stqarr illi f`okkazzjoni wahda huwa kien mess f`pene tieghu mal-parti genitali ta` Minuri S izda ma sehhietx il-penetrazzjoni (vide fol. 24 u 25).

In kontro ezami Supretendent Sammut xhed illi l-imputat kien ikkoopera bis-shih mal-Pulizija. Semma wkoll illi l-imputat ammetta li t-tokkamenti fuq il-partijiet privati ta` Minuri S sehhu ukoll waqt li kienu joghmu fil-vicinanzi ta` Bajja Maltija Bay, San Giljan, u li Minuri Skienet akkumpanjata minn minuri ohra, hbieb taghha, cioe habib A u habiba D. Dawn il-minuri gew avvicinati mill-Pulizija izda qatt ma raw xejn oggezzjonabbli hlief li Habib Aftakar li d-diskors tal-imputat kien jiskomoda lil minuri S, waqt li Habiba D ftakret f’okkazzjoni fejn dehrilha li l-imputat kien ttawwal mit-tieqa tal-*camp* waqt li kienet qed tbiddel.

L-istqarrija tal-imputat hija rakkont apert tal-abbuz sesswali da parti tal-imputat fuq Minuri S meta din kellha xi disa' snin konsistenti minn tokkamenti ta` sider u partijiet genitali, masturbazzjoni , il-mess tal-pene tieghu mal-parti genitali tal-minuri– loghob u *chats* sesswali, liema abbuz sehhet fuq medda ta` snin, flimkien ma turija ta` filmat ta` sess orali prattikat minn mart l-imputat fuq il-persuna ta' l-imputat. Dan l-abbuz sesswali sar bl-istess maniera fuq Minuri B u fuq Minuri K (minghajr il-mess tal-pene mal-partijiet genitali). Infatti l-imputat Imputat sostna s-segwanti:

**"Jiena ppruvajt imdahhal il-parti tieghi go sormu imma ma kontx dahhalta ghalkemm kont qabbadtu ma sormu u anke hu lili."** ( a  fol. 32)

Gew ezebiti (a fol. 36, 37, 38) c-Certifikati tat-Twelid tal-minuri indikati fl-akkuzi.

Omissis Omm M, omm Minuri S u Minuri B (a fol 39 et seq), kkonfermat  x-xewqa taghha li tipprocedi kriminalment kontra l-imputat.

Omissis Omm N (a fol. 44), omm Minuri K kkonfermat li riedet tipprocedi bil-proceduri kriminali kontra l-imputat.

Minuri K (fol. 46 et seq) ta` hdax il-sena xhedet li hija kienet kugina ta` Minuri S ma min kienet tiltaqa` fix-xhur tas-sajf meta jkunu *camping*.

**"Kien hemm iz-ziju (imputat) ... u kien jaghmel affarijiet li ma tantx huma decenti"** (vide a fol  41 ...) **"ghamilhom fuq kuginti u anke fuqi**." (a fol 42).

Minuri K xhedet li dan iz-ziju kien jghidilhom biex jinzghu il-*bikini* sabiex jehdilhom ir-ritratti taghhom gharwenin u mbaghad jhassarhom – u **fil-fatt kien uriha il-hames ritratti tas-sider u  genetalia taghha**.

Minuri K xhedet illi meta kien jkun *camping* fis-Sajf, iz-ziju Imputat kien johodhom jimxu bil-lejl.  F'okkazzjoni wahda kien ra zewg nisa jinnamraw, hareg il-pene mill-genb tas-

*shorts* tieghu u qaghad jimmasturba lilu nnifsu fil-presenza taghha (Minuri K) u ta` Minuri S. F'okkazzjoni ohra, waqt li kienu il-bahar, iz-ziju kien neza l-malja u beda jgholli t-tfal u **"kien ser jitfaghni, waqqaghni fuq il-parti tieghu u qomt nigri mill-ewwel... le kien gharwien"** – ( a fol. 50) Dan gara meta Minuri K kienet fil-presenza ta` Minuri S.

Minuri K xhedet illi dan iz-ziju kien jinvolvi lil minuri **"f`loghob ta` tabib ... u taparsi klinika"** – (a fol. 51) kien jdahhalhom go kamra imwarba fl-inhawi ta` Rahal X u spjegat certu *role play* fejn l-bniet kienu nurses u iz-ziju pazjent jew tabib, u fejn huma kellhom **"jiccekjaw il-partijiet genitali tieghu".** Iz-ziju (t-tabib) kien jirriferi ghal htiega ta` strumenti cioe` il-parti genitali tieghu u jitlobhom jmissu l-parti tieghu.

Minuri K xhedet (a fol. 55 et seq) illi l-attivita` li z-ziju kien jaghmel fuqha kienet ssir ukoll fuq Minuri S.

Minuri K xhedet li dawn t-tokkamenti kienu jsiru miz-ziju taghha, matul il-*camping*, meta kienu jmorru joghmu matul il-gimgha, u wkoll fil-*weekends* tas-Sajf. Minuri K xhedet illi matul l-abbuz sesswali miz-ziju taghha hija kienet tkun bezghana u kienet tibza` li ommha tghajjat maghha.

In kontro ezami Minuri K Minuri xhedet illi fil-bidu hija kienet qalet li z-ziju ma kien ghamilha xejn, izda qalet il-verita` kollha lis-Supretendent Sharon Tanti.

Minuri K kkonfermat li Minuri Skienet tat il-versjoni taghha wahedha, li wara dan, hi (Minuri K) kienet tat il-versjoni taghha fil-presenza ta` Minuri S.

In kontro ezami Minuri K xhedet li z-ziju Imputatu seta' gibed ritratti taghhom gharwenin fuq il-*mobile phone* ta` Minuri S. Fl-okkazzjoni li kienet marret mixja ma z-ziju u Minuri Swaqt li kien *camping* Rahal X u raw iz-zewg nisa jinnamraw, Minuri K xhedet illi ghalkemm kien d-dlam, huma kienu hadu t-*torches* maghhom (vide a fol. 71, 72) u li kien hemm d-dawl tat-triq (a fol 73-74) u d-dawl tal-Qamar ( a fol 74).

A fol. 74 Minuri K gharfet lill-imputat bhala il-persuna li ghaliha rreferiet bhala z-ziju Imputat fit-testimonjanza taghha.

Minuri S (a fol. 79 et seq), oht Minuri B, xhedet illi hija fethet qalba ma` xi hbieb taghha u omm habiba taghha (omissis habiba X), kellmet lil ommha (omm Minuri S).

Illi meta ommha staqsietha fuq l-abbuz sesswali wara cahda inizjali, Minuri S qalet lil ommha l-istorja shieha. Hija kkonfermat x-xhieda ta` Minuri K, u cioe` li l-abbuz kien jsir min zijuha Alimputat Imputat meta kienu jmorru jghomu– cioe` fil-Bajja Maltija u Rahal X, waqt li jkun camping u waqt *barbeques* fis-Sajf. L-abbuz kien jsehh meta il-genituri taghha kienu jmorru jgibu xi haga mid-dar.

Minuri S kkonfermat li l-abbuz sesswali kien jinkludi f'tokkamenti forzati tal-parti genitali ta' Imputat. Dan beda meta kienet bdiet l-Iskola Sekondarja u gew inizjati waqt li kienu jkunu joghmu.

Minuri S xhedet (a fol. 85) illi waqt li kienu *camping,* iz-ziju imputat kien jmiss il-parti genitali taghha u gieghelha tmiss tieghu minn taht il-hwejjeg u li din grat **"kemm il-darba".**

Minuri S kkonfermat li l-abbuz beda meta kienu *camping.* Kienu marru jimxu maz-ziju u raw zewg persuni f'karozza u z-ziju beda jimmasturba lilhu nnifsu. K konfermat il-loghba tat-tabib li kien jsir fuq il-partijiet genitali tat-tfal u ta' l-imputat. Minuri S kkonfermat li l-abbuz baqa jsehh sas-Sajf 2006.

A fol 89 sa 92, Minuri S xhedet illi f'okkazzjoni minnhom meta hi, Minuri K u omissis habiba D kienu reqdin f'kamp zghir, kien dahal l-imputat, mtedd hdejha (Minuri S), nizzel s-*shorts* u ghamel il-pene tieghu, mal-warrani taghha (Minuri S) : **" Le mess, imma ersaqt imbghad,"** (a fol 91). Minuri S kkonfermat illi l-imputat kien qaghad inemmes waqt li hija u Omissis habiba D kienu qeghdin jinhaslu ( a fol 92). Minuri S xhedet illi waqt il-loghba tat-tabib, l-imputat kien jirreferi ghal-pene tieghu bhala l-**"istrument"** li bih kien se jfejjaqhom (a fol 93).

Minuri S xhedet illi kienet tghid lill zijuha biex jieqaf ghax kienet mdejqa. Hija xhedet li tul 2007 zijuha kien assiguraha permezz ta*'chats* fuq *MSN*, li l-abbuz sesswali kien se jieqaf .Minuri S affermat li fis-sjuf kienu jghomu il-Bajja Maltija kull nhar ta' Tlieta , l-Erbgha u l-Hamis, u li z-ziju kien ikun hemm, u **f'kull okkazzjoni kien jmiss sidirha minn taht il-malja waqt li tkun qedgha tghum** ( a fol 95).

**A fol 98, Minuri S xhedet illi kien hemm okkazzjoni fejn iz-ziju talabha tamministra sess orali fuqu izda rrifjutatu pero fit-tieni okkazjoni cediet. (a fol 98) Dan sehh meta kienu *camping* f'Rahal X.**

Minuri S kkonfermat illi meta m'accettatx taghmel dak li kien jridha zijuha, kien jghidilha li ma kienx ser jgib mieghu lit-tifel iz-zghir Minuri tarbija. Il–minuri Minuri S kkonfermat ttehid ta' ritratti tal-minuri nudi miz-ziju Imputat fuq il-*mobile phone* tieghu jew taghha u kif dawn kienu jithassru. Il-Minuri xhedet illi kienet qalet lill zijuha permezz ta' l-*MSN*, mbaghad bil-fomm diversi drabi, biex jieqaf izda z-ziju kompla u hi kienet tipprova twarrab (a fol 104) Minuri S iddikjarat li kienet thossha imbarazzata b'dan l-eghmil taz-ziju. Hija xhedet illi kellha *boyfriend* izda ma sehh xejn aktar minn bews.

In kontro ezami, Minuri S xhedet li l-familja taghha kienet marret almenu erba okkazjonijiet *camping*. Minuri S xhedet illi fis-Sajf precedenti hija u Minuri K kellhom *camp* zghir ghalihom, izda fis-Sjuf ta'qabel kienu jorqdu kolha f'*camp* wiehed apparti l-missier, li kien jorqod fil-karozza. Imputat qatt ma raqad adjacenti mal-minuri ( vide a fol 105).

Minuri S (a fol 106) xhedet li ma kinitx tibza minn Imputat. Hija xhedet illi l-ewwel darba li ssehh l-abbuz, kien meta kienu l-bahar jilghabu u jaqbdu l-xulxin taht il-bahar meta innutat li l-partijiet genitali tieghu kienu esposti. Illi sussegwentament wara l-*barbeque* kienet qadet tghin lill Imputat inaddaf u talabha tikxef il-partijiet privati taghha

mill-gemb (a fol 107). **Hija obdiet ghaliex kellha biss tmin snin l-aktar disa' snin.**

Hija affermat wkoll illi f'okkazzjoni wahda fix-Xitwa waqt xi ikla tal-familja, l-imputat kien jdahhal idejh taht id-dublett taghha, kien ipoggi faccata, u jmiss il-partijiet genitali taghha b'saqajh (a fol 109- 110).

Mitluba tispjega l-incident fejn Imputat dahal fil-c*amp* iz-zghir mal-bniet, Minuri S xhedet (a fol 114) illi hija kienet rieqda fuq dahra u zijuha ntelaq hdejha, nizzel is-*shorts* tieghu, u **"beda jgebbidni biex ndur".** Fil-fatt **"dawwarni"** hemmhekk mess il-pene tieghu mal-warrani taghha. Dan l-incident dam xi ftit sekondi.

Illi meta fuq *MSN* Minuri S qalet lill Imputat ma riditx dawn l-affarijiet jkomplu isehhu, Imputat qallilha li kellhom jkomplu u fl-ahhar assiguraha li l-affarijiet kienu ser jieqfu ( a fol 115).

Minuri S kkonfermat li fis-Sajf ta' qabel, kienu graw l-istess tokkamenti tas-sider u l-partijiet genitali taghha u ta' Imputat. Minuri S xhedet li kienet qalet liz-zewgt ihbieb taghha li kienet qedgha tigi abbuzata sesswalment minn zijuha. Kkonfermat li **kienet tindirizza lill Imputat bhala ziju imputat u w identifikat lill-imputat prezenti fl-awla** (a fol 118).

Minuri B (a fol 128 et seq) ta' sbatax–il sena kkonferma il parentela ma Imputat u d-drawwa li l-famija ta' Minuri jmorru *camping* f'Awwissu flimkien mal-koppja Imputat. Huwa xhed li meta kien *Form 3*, cioe meta kellu erbatax–il sena, waqt li kienu *camping* f'Rahal X, Imputat hadu f'wahda mill-kmamar ta` l-*Impjant* f`Rahal X u wettaq sess orali fuq il-guvni, u talbu biex jirriceproka. Minuri B rrifjuta ghax beza' (a fol 131). Illi minn dik il-gurnata l'quddiem, Imputat kien jipprattika s-sess orali fuq Minuri B kull nhar ta' Sibt waqt il-*barbeques* u f'okkazzjonijiet ohra.

Li apparti dan, kien hemm okkazjonijiet fejn kien gieghel lill Minuri B jwettaq s-sess orali fuq Imputat , fejn Imputat dilek l-pene tieghu bil-*vaseline* u :

**"pprova jitfaghhuli fil-warrani tieghi u jiena ma hallejtux ghax bdejt nwegga'"** (a fol 132).

Ftit il-quddiem Minuri B jghid:

**"mbaghad x'hin resaq vicin jien ma hallejtux ghax bzajt li ser inwegga." "Poggih jigifieri mal-warrani tieghi il-parti tieghu, u x'hin rajt li ser jipprova ghetlu marridtx ghax nibza' li ha nwegga."** ( a fol 132)

F'okkazzjoni ohra Imputat kien gabar lill Minuri B, saq fejn il-bini mwaqqa tal-Inglizi u hemmhekk rega' abbuza mill-minuri oralment u istruwieh jaghmel l-istess fuqu. Apparti dan, Imputat dilek il-pene bil-*vaseline* u **"pprova jpoggihuli fil-warrani"** tieghu, u Minuri ma halliehx ghaliex beza' li jwegga ( a fol 134).

Minuri xhed li qatt ma qal lill hadd dwar l-abbuz ghaliex hassu avveliet u haseb li ser jigi redikolat minn nies. Minuri zied jghid li f'okkazzjoni ohra, Imputat kien gie fuq il-post tax-xoghol ta' missieru **u waqt li kien fil-*basement* urih *video clip* fuq il-*mobile phone*, u cioe filmat ta' martu bil-pene ta' l-imputat f'halqha, filmat li martu ma kienitx taf li jezisti.**

Minuri B xhed illi ma saru ebda atti sesswali oltre dawk imsemmija; li ma kienx jaf b'dak li sehh fuq Minuri S jew Minuri K; u li qatt ma ra xi atti sesswali da parti ta' Imputat fuq xi minuri iehor.

In kontro ezami Minuri B kkonferma li kien sitt piedi tlett pulzieri fit-tul u li meta bdew l-avvanzi da parti ta' Imputat, hu kien diga ftit itwal minn Imputat. Minuri jinnega li qatt qal lill Imputat li kien ser jwarrab biex jimmasturba jew stiednu biex jimmasturbaw flimkien. Lanqas ma qasam xi hsiebijiet fuq s-sess ghaliex **"ghadni qatt ma esperjenzajt hekk ifimni"** (a fol 139). Mitlub jispjega l-biza' li kellu minn Imputat, Minuri B jghid : **"Il-biza' li kif**

**ghedlek, l-ewwel li naqa tac-cajt ma shabi, li jekk nghidlu le, bzajt li hu aktar se jmur jikxifni ma shabi forsi jew ommi jew missieri u li jwahhal fijja”** (vide a fol 141)

Minuri B kkonferma li meta huwa qallu li ma ridtx l-imputat ma qaghadx jinsisti. Huwa spjega:

“**Jigifieri kien diga pprova jdahhal il-parti tieghu gewwa warrani tieghi u x’hin kien ha jidhol qedtlu ma rridx”** ( a fol 142).

Minuri B sostna illi huwa qatt ma ha inizjattiva fl-atti sesswali, kien dejjem Imputat li ghamel dan (a fol 143). Minuri B baqa’ jinsisti illi Imputat, mess il-pene mal-warrani tieghu:

**“Ikun se jibda jdahhal imbaghad inwaqqfu jien – qatt ma dahal”** (a fol 144).

Minuri B baqa’ jsostni li dak li qal kien il-verita’, xhed li kien isibha difficli jirrifjuta lil Imputat ghaliex kien jibza li l-genituri tieghu ser jindunaw li kien hemm xi haga hazina . Minuri B ikkonferma (a fol 148) li qabel l-abbuz sesswali da parti ta’ Imputat, huwa ma kellux esperjenza sesswali ma haddiehor. Il-vettura ta’ Imputat li fiha sehhew l-atti kienet *karozza X*. Minuri B gharaf lill-imputat Imputat ( a fol 150).

Spettur Carmelo Abdilla (a fol 161) kkonferma l-istqarrija ta’ l-imputat..

Supretendent Sharon Tanti (a fol 163 et seq) kkonfermat x-xhieda t’Minuri S dwar l-abbuz sesswali da parti ta’ Imputat li beda minn meta hija kienet **ghada ma ghamlitx il-Grizma**. Supretendent Tanti kkonfermat li l-abbuz kien jikkonsisti f’sess orali fuq il-minuri mill-imputat u mill-minuri fuq Imputat; tokkamenti ta’ sider u l-partijiet genetali tal-minuri u dawk ta’ l-imputat; u l-mess tal-pene ta l-imputat mal-warrani tal-minuri. Supretendent Tanti kkonfermat it-testimonjanza ta’ Minuri K u l-abbuz

sesswali prattikat fuqha mil-imputat. Supretendent Tanti xhedet illi kien hemm wkoll minuri iehor Minuri B li kien pprefera jkellem lil Spettur tas-sess maskili.

Omissis missier, missier Minuri S u Minuri B, kkonferma li rregistra rapport l-Ghassa tal-Pulizija rigward l-abbuz sesswali fuq it-tfal tieghu minn Imputat, li kien r-ragel t'ohtu Omissis mart l-imputat u l-imputat kienu ilhom mizzewga ghal madwar ghoxrin sena. Omissis missier informa lill-Qorti li ried jissokta bil-proceduri kriminali kontra l-imputat.

Marnette Xerri ( a fol 179) ezebit il-process verbal, DOK MM.

PC 901 Chris Attard xhed illi esegwixxa tfittxija fir-residenza tal-imputat, minn fejn gew elevati *computer* u diversi *compact disks* (*CDs*). L-imputat Imputat kien kkonsenja CD partikolari li kien gab mill-kamra tas-sodda.

PC 1253 Frederick Brincat (a fol 200) ezebixxa relazzjoni tieghu DOK FB u ritratti DOK FB 1 sa FB 6.

Martin Bajada ezebixxa r-relazzjoni tieghu DOK MB il-il-*computer*, il-*Hard disk* u *optical diskettes*, MB 1 MB 2 . L-analizi tal-*computer* u *diskettes* kienet fin-negattiv

PS 635 Alan Calleja ma kien involut fl-ebda investigazzjoni fil- kaz odjerni.

PS Stefan Mercieca kkonferma li kien assista lis-Supretendent Sammut fit-tfittxija tar-residenza ta' l-imputat u kkonferma l-oggetti elevati.

PS 1147 Antoine Fenech ma kienx involut fl-ebda investigazzjoni fil-kaz odjerni (vide a fol 279)

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Dr Mark Xuereb psikjatra (a fol 315), kkonferma li kien ilu jikkura lill imputat ghal sentejn u sab li jbghati minn *clinical depression*. Huwa sab illi l-imputat kien prodott ta' *social*

*deprivation* , kellu *coping skills* u *problem solving skills* baghtuti.

Dr. Xuereb xhed illi dan b'ebda mod ma jiskuza l-abbuz sesswali u li Imputat kellu *insight* tajba u nduna bl-izball tieghu. Stqarr ukoll li Imputat kellu problema tal-*alcohol* li tirriduci l-inhibizzjonijiet. Xhed ukoll illi l-imputat kien gie abbuzat ukoll u dan kien kaz fejn il-"*perpetrated"* sar il-"*perpetrator".*

Dr. Xuereb ikkonferma li l-imputat kien konsistenti fit-terapija, fit-tehid tal-pilloli u li ghalhekk kien fiducjuz fuq l-gejjieni ta' l-imputat. Dr. Xuereb semma wkoll illi mart l-imputat kienet ta' sostenn kbir ghall-imputat. Dr. Xuereb xhed illi huwa fehem illi l-imputat nqabad f'relazzjoni fejn il-***boundaries* kienu *blurred***. Qal li l-minuri involuti kienu wiehed jew tnejn (a fol 321) u li l-abbuz kien jikkonsisti fi tbghabis bl-idejn u ta' natura orali.

In konro ezami Dr. Xuereb xhed li huwa t-tabib kuranti ta' l-imputat bi hlas u li qatt ma mar id-dar tal-imputat jew tal-minuri affetwati.

Dr. Xuereb xhed illi l-eta tat-tfal vittmi tal-abbuz kienu **bejn tlett u erba' snin**, sa ghaxar snin. Aktar il-quddiem (a fol 323), Dr. Xuereb **jsostni li l-minuri kellhom hames snin**. In kontro ezami Dr Xuereb spjega illi **huwa m'ezaminax lill-minuri vittmi**. Ghalhekk huwa ma setax jghid kienux mrobbija f'ambjent deprimenti. Huwa zied jghid li dak li qal dwar u l-*blurred boundaries* **kien jirifletti fuq l-imputat** u mhux it-tfal.

Ghalkemm jirrizulta illi Dr. Xuereb ma ha ebda MRI tal-imputat, huwa jsostni illi l-imputat kelli "tracci" *ta' behaviour modification*, minhabba l-abbuz ta' l-*alcahol*. Dr. Xuereb ikkonferma li fis-1970s l-imputat kien gie ammess fl-isptar Monte Carmele.

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat Imputat jinsab mixli bi stupru vjolenti u aggravat fuq il-minuri B u Minuri S. L-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirretieni:

**"Kull min, bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa disa' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha."**

Id-dottrina Maltija hija fis-sens li r-reat ta' stupru huwa ikkunsmat meta jigi pprovat:

**" The commencement of the connection without the necessity of proving any further acts"**
( vide Criminal Law - Profs A Mamo pg 194)

Ir-Reat ta' stupru jissussisti :

**" upon proof of penetration only: and the slightest penetration is sufficient"** (Ibid).

Ix-xhieda ta' Minuri B hija tragika ghal ahhar ghaliex dan il-minuri xtaq jipperswadi l-Qorti, u lilu nnifsu, li z-ziju tieghu ma stuprahx – li ma kienx hemm penetrazzjoni – li l-azzjoni tal-imputat waslet biss sal-mess tal-pene tieghu mal-warrani tal-minuri w waqqfet hemm:

**"Le dejjem mess mal-warrani tieghi, ikun se jibda jdahhali u mbghad inwaqqfu jien"** ( a fol 144)

Jigifieri kien diga prova jdahhal il-parti tieghu gewwa l-warrani tieghu u x'hin kien ha jidhol qallu ma jridx (a fol 142).

**Eppure Minuri B jghid li wegga:**

**"Gieghlni naghmillu l-istess haga u dahhal il-parti tieghi f'halqu, u l-parti tieghu f'halqi, u wara li ghamel hafna hin hekk, kellu bott *Vaseline* dellku mal-parti tieghu u pprova jitfaghhuli fil-warrani tieghi u jien <u>ma</u>**

**<u>hallejtux ghax bdejt inwegga'</u>…ma hallejtux ghax bdejt inwegga'"(** a fol 132)

Minkejja li Minuri B jsostni li qatt ma saret il-penetrazzjoni, l-asserzjoni ta' Minuri B **dwar l-ugiegh**, **tankra il-bidu ta' penetrazzjoni** liema penetrazzjoni ma kienitx shiha.

Illi ghal rigward t' Minuri S u b'referenza ghal incident fejn l-imputat dahal fil-*camp* tat-tfal, Minuri S tikkonferma li ghalkhemm kienu liebsin, l-imputat kien nizzel s-*shorts* tieghu u pprova jnezzaghlha l-hwejjeg. Minuri S ddikjarat illi l-imputat **"mess il-parti tieghu mal-warrani"** (a fol 113), kien gebbidha sabiex dawwarha f'pozizzjoni li xtaq hu, u fil-fatt rnexxilu jdawwarha, tant illi Minuri S: **"bdejt nibza' li ha tqum Omissis habiba D u tarani uh"** (a fol 114).

Dan l-incident sehh meta Minuri S kellha anqas minn tnax–il sena u ghaldaqstant, ai termini tal-Atti 201 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, l-vjolenza hija prezunta.

Fil-konfront ta' Minuri B, in-nuqqas ta' kunsens ma jistghax jigi prezunt ghaliex il-kongungiment karnali sehh meta il-minuri kellu bejn tlettax u erbghatax –il sena.

Il-materja li trid tezamina il-Qorti hija jekk il-prosekuzzjoni rnexxielhiex tipprova illi l-kongungiment karnali fuq Minuri B sar bi vjolenza u cioe **f'mankanza tal-kunsens tieghu**.

Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa x-xhieda tal-kaz u ghamlet l-apprezzament taghha tal-mgieba tax-xhieda ewlienija, hija tal-fehma illi l-kongungiment karnali sehhet bin-nuqqas ta' kunsens tal-minuri B.

Dan qieghed jinghad ghaliex gudikant ghandu **jaghraf d-differenza bejn kunsens u l-hakma ta' adult, f'pozizzjoni ta' fiducja kbira minhabba relazzjoni familjari, fuq tfajjel zghir**:

**"There is a difference between consent and submission; every consent involves a submission,**

**but it by no means follows that a mere submission involves consent"**
Coleridge J.Day [9 C.& P. 722 at pg 724;

Fix-xhieda tieghu Minuri B jitkellem dwar il-biza' tieghu li jirrifjuta lil zijuh, jitkellem dwar d-diskors ta' vendetta li Imputat kien jirrakontalu meta terza persuni jonqsuh, jitkellem dwar il-biza tieghu u s-sens ta' vergonia akuta li assaltat lil-minuri f'kaz ta' kxif tal-abbuz sesswali ma shabu jew il-genituri tieghu mil-imputat. Din il-biza'tipperpetuwa cirku infinit ta'abbuz.

Din il-Qorti tinnota illi fil-kazijiet ta'stupru jew korruzzjoni ta'minorenni li jsehhu fuq medda ta' snin, kommess minn membru tal-familja, wiehed jistenna li jkun hemm livell ta' kontroll qawwi mis-sogett attiv fuq il-minuri. Dan il-kontroll huwa wiehed li huwa koltivat b'malizzja kbira. Wiehed jrid jifhem wkoll illi l-membru tal-familja di solitu jkun jgawdi minn fiducja ceka tal-genituri. **Hekk fil-fatt jirrizulta f'dan il-kaz.** Hija din il-fiducja piena, u l-buonta' tal-genituri *versus* l-aggressur mistur li tipprovdi l-*coup de gras* ghal minuri trappolati.

**Fil-kaz in-ezami kienet tezisti precizament din id-dinamika ta' relazzjoni familjari, l-fiducja piena tal-genituri, u l-*grooming* li sehh fuq il-minuri koncernat. Il--kongungiment karnali inflitt fuq il-minuri B sehh b'sottomissjoni (submission) ghal volji libidinuzi tal-imputat, u mhux bir- rieda hielsa tal-istess minuri.**

Din il-Qorti ghandha konvinciment morali u legali li l-kongungiment karnali per annus sehh **b'mankanza tal-kunsens** ta'Minuri B.

Illi fil-kaz ta'Minuri S jirrizulta mill-provi illi l-imputat mess il-pene tieghu mal-warrani tal-minuri. Kif tajjeb jinghad **fis-sentenza il-Pulizija (l-Ispetturi Mula, Pisani u Minuri) vs Omissis, deciza mill-Qorti tal-Appelll Kriminali fl-4 ta' Settembru 2003, per Imhallef Galea Debono**, r-reat tal-kongungiment karnali, mhux biss l-attentat tieghu jigi ikkunsmat meta l-aggressur:

**“Jasal sa l-istadju li jpoggi il-parti genitali tieghu mal-vestibolu tal-minuri w jezercita certa pressjoni b’mod li jweggaghha.”**

Illi apparti dan kollu il-Qorti sabet provi inekwivoci ta’tqeghid sfurzat tal-pene tal-imputat f’halq il-minuri Minuri S.

Hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-inseriment sforzat tal-pene maskili f’wahda mit-tlett orefici intimi tal-persuna - u cioe **il-halq, il-vagina u l-anus**, f’dan il-kaz f’halq ta’ minuri ta’ anqas minn disa’ snin, jiklassifika f’penetrazzjoni u kongungiment karnali bi vjolenza ai termini tal-Artikoli 198 u 201(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-mottivi jissussistu l-ewwel (1) u tieni (2) akkuzi ta’ stupru kif indikat fl-Artikoli tal-Avukat Generali minghajr pero l-aggravji indikati fl-akkuza, stante li dawn l-aggravji ma gewx riflessi fl-Artikoli tal-Avukat Generali.

Il-Qorti tghaddi biex tezmina l-akkuzi ta’ korruzzjoni ta’ minuri B, Minuri S u Minuri K – u cioe t-tielet (3) u s-sitt (6) akkuza.

Ir-reat ta’korruzzjoni ta’minuri huwa dak mahsub fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta li jiritieni:

**(1) Kull min, b’egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta’ taħt l- età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:**

**Iżda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta’ priġunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f’kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:**

**(*a*) jekk id-delitt isir bi ħsara ta’ persuna li ma għalqitx l-età ta’ tnax-il sena, inkella bi vjolenza;**

**(*b*) ommissis**

**(ċ) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.**

Il-Gurisprudenza Maltija hija abbundanti b'sentenzi illi jindirizzaw dak li jista' jigi kkaratterizzat jew dak illi jikkonsisti f'*atti di bidin*i jew *lewd acts* izda forsi s-sentenza illi l-aktar illi taghti deskrizzjoni milquta hija dik ta' **Pulizija versus Wiffen**.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano ikkonfermat:

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'*

Imbaghad fis-sentenza Pulizija versus Andrew Bonnici, deciza fit-23 ta’ Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*‘Tifel ta’ appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga’ jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta’ dak li jkun, u altru impozizzjoni ta’ sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f’integrita’ morali tal-minorenni.’*

Fil-kaz in ezami l-atti di libidini kienu jikonsistu minn konkungiment karnali, li huwa kategorizzat bhala l-apice t’eghmil libidinus kif inhu meqjus, it-tqeghid forzat tal-pene f’halq il-minuri. Jirrizulta bl’aktar mod ampju illi l-mess tas-sider u tal- genetalia tal-minuri, l-masturbazzjoni minn adult fil-prezenza tat-tfal u loghob ta’ *Role Play* ta’ Tobba u Nurses fejn il-pene tiffugura bhala **l-istrument ta’ fejqan** huma kollha **atti di libidini ta’ serjeta konsiderevoli**.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri, attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati mhux biss fil-Gurisprudenza fuq citata izda wkoll fil-kawza Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta’ Marzu 1989, mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

*‘Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta’ travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista’ jimmagina kif jista’ jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux*

*necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*

Fil-kaz in ezami il-Qorti ghandha quddiemha tlett itfal li gew soggettati ghal dan l-eghmil korrussiv mill-eta ckejkna ta' hames, tmienja u tlettax –il sena, liema eghmil sehh bi frekwenza sinjifikanti, u fuq medda ta' bejn erba u hames snin. **Dawn it-tfal ma kellhom ebda esperjenza sesswali qabel dak imposti fuqhom mill-imputat**. Illi di piu' sal-mument li ddeponew, **Minuri B u Minuri S kienu ghadhom ma esperjenzaw ebda tip ta' attivita sesswali ma haddiehor**. Bla dubbju ta' xejn jirrizulta l-korruzzjoni sesswali effettiva tat-tlett minuri indikati.

Fl-isfond tal-provi fuq indikati, ir-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni kif indikat fit-tielet (3) u s-sitt (6) akkuza, huwa aggravat bl'eta, ai termini tal-Artikoli 203 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, il-ghaliex **kemm Minuri S, kif ukoll Minuri K kienu taht it-tnax -il sena meta gie inizjat l-abbuz** (ara Certifikati tat-Twelid ezebiti a fol 36 u 38).

Ir-reat tal-korruzzjoni tat-tlett minorenni fuq indikati, huwa ukoll aggravat bil-posizzjoni ta' fiducja li kien jgawdi l-imputat bhala ziju tar-rispett tat-tfal, **il-ghaliex il-korruzzjoni sehh meta dawn il-minuri gew fdati lilu, mqarr ghall xi zmien, sabiex jiehu hsiebhom, jindokrhom, u /jew jzommhom ai termini tal-Artikoli 203 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**
Ghal-regward tar-raba (4) akkuza ta' l-attentat vjolenti fuq il-pudur fuq il-minuri Minuri B, in vista tas-sejbien ta'htija ta stupru vjolenti, il-Qorti tastieni minn ezami ulterjuri.

Ghal regward il-hames (5) akkuza u cioe ir-reat mahsub fl-Artikoli 86 u 87 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, (vide l-Artikoli tal-Avukat Generali), u cioe l-akkuza ta'sekwestru tal-persuna, din il-Qorti taghraf illi dan ir-reat ma jirrizultax

mill-provi, il-ghaliex kien mezz ghal fini ta’kommisjoni tar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni. .

In fatti, fis-sentenza moghtija mil-Qorti Kriminali fil-kawza **Police vs. Dennis Pandolfino et.** (Per Imhallef Dr. Joseph Galea Debono) deciza fid-19 ta’ Ottubru 2006 meta s-sekwestru jew l-arrest ta’ persuna jkun il-mezz sabiex jitwettaq ir-reat ta’ stupru, korruzzjoni ta’ minorenni jew attentat vjolenti fuq il-pudur, htija ma tistax treggi ukoll fuq reat ta’ sekwestru tal-persuna:

***“Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta’ sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti.***

***Pero’ fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan il-fatt se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta’ stupru vjolent dedotta fl-Ewwel u fir-Raba’ Kapi jew dik ta’ korruzzjoni ta’ minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn “consenting adults” taz-zewg sessi kien ikun jammonta ghal reat ta’ sekwestru ghax hu risaput li f’hafna kazi l-att sesswali f’certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta’ persuna minn persuna ohra.***

***Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn gewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta’ sekwestru.”***

L-Imputat jinsab mixli ukol bir-reat mahsub taht l-Artikolu 208 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta li jipprovdi:

**“208A. (1) Any citizen or permanent resident of Malta whether in Malta or outside Malta, as well as any**

**person in Malta, who makes or produces or permits to be made or produced any indecent material or produces, distributes, disseminates, imports, exports, offers, sells, transmits, makes available, procures for oneself or for another, or shows such indecent material shall, on conviction, be liable imprisonment for a term from twelve months to five years.**

**(1A) The offence in subarticle (1) shall be punishable with imprisonment for a term from two to eight years, with or without solitary confinement, in each of the following cases:**

**(*a*) when the offender wilfully or recklessly endangered the life of the person under age;**
**(*b*) when the offence involves violence or grievous bodily harm on such person;**
**(*c*) when the offence is committed with the involvement of a criminal organisation within the meaning of article 83A(1).**

**(1B) Any person who acquires, knowingly obtains access through information and communication technologies to, or is in possession of, any indecent material which shows, depicts or represents a person under age, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term from not exceeding three years.**
**(1C) For the purposes of subarticle (1) the expression "permanent resident" shall have the same meaning assigned to it by article 5(1)(*d*).**

**(2) A photograph, film, video recording or electronic image shall, if it shows a person under age and is indecent, be treated for all purposes of this article as an indecent photograph, film, video recording or electronic image.**

**(3) Where the offences in subarticles (1) and (1B) are committed by any ascendant by consanguinity or affinity, or by the adoptive father or mother, or by the tutor, or by any other person charged, even though**

**temporarily, with the care, education, instruction, control or custody of the person under age shown, depicted or represented in the indecent material, or where such person under age has not completed the age of nine years or where the indecent material shows, depicts or represents a minor involved in acts of bestiality, brutality, sadism or torture:**

**(*a*) in the case of the offence in subarticle**

**(1), the punishment shall be of imprisonment for a term from two to nine years, and**
**(*b*) in the case of the offence in subarticle (1B), the punishment shall be of imprisonment for a term from six months to four years, and the provisions of article 197(4) shall also apply.**

**(4) Where a person is charged with distributing or showing, or with being in possession of, any indecent material under subarticle**

**(1), it shall be a defence for him to prove that he had a legitimate reason for distributing or showing, or for having in his possession, such indecent material, or that he had not himself seen the indecent material, and neither knew nor had any reason to suspect them to be indecent.**

**(5) For the purposes of article 635(1)(*a*), the person under age shown in the indecent material shall be deemed to be the person against whom the offence is committed.**

**(6) In this article references to a photograph includes the negative as well as the positive version.**

**(7) For the purposes of this article the expression "indecent material" includes photographs, images, audio or video recordings, digitally created or electronic images, drawings, cartoons, text and simulated representations or realistic images of a**

**minor, even if the minor is non-existent, or of the sexual parts of a child for primarily sexual purposes.”**

Mill-provi fuq indikati, jirrizulta ampjament ipprovat illi l-imputat gibed filmat, tal-organi genitali tieghu f’konnessjoni orali ma martu, liema filmat gie muri lill minuri B. Jirrizulta wkoll illi Imputat gibed filmat u xbieghat tas-sider u partijiet genitali nudi t’Minuri S u Minuri K u wera dana kollu liz-zewgt ibniet. Ghalhekk tirrizulta t-tmien (8) akkuza fil-konfront tal-imputat, b’aggravji mahsuba fis-subincizi (1B) u (3) tal-istess Artikolu 208A.

Ghal-rigward tas-seba (7) akkuza, din l-akkuza hija assorbita in vista tas-sejbien tal-htija  fit-tielet (3), is- sitt (6) u t-tmien (8) akkuza.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-ahhar akkuza u cioe l-offiza tal-pudur b’eghmil li sar f’post pubbliku jew post espost ghal pubbliku ai termini tal-Artikoli 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta.  L-atti di libidini fuq imsemmija, inkluz l-istupru sehhew fil-pubbliku, u cioe fil-Bajja Maltija, f’Rahal X fi kmamar esposti ghal pubbliku, u fil-karozza tal-imputat. Dawn il-postijiet huma ambjenti manifestament pubblici u fil-kaz tal-Bajja Maltija, dan l-ambjent huwa frekwentat minn bosta familji bit-tfal zghar fix-xhur tas-Sajf.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), u  t-tieni (2) akkuza (minghajr l-aggravji), it-tielet (3), is-sitt (6), is-seba’(7), it-tmin(8), u disa’(9) akkuza, mhux hati tar-raba’(4) u l-hames (5) akkuza u minnhom tilliberah, b’assorbiment ghal fini ta’ piena tas-seba’ (7) akkuza fit-tielet (3) , s-sitt (6) u t-tmin (8) akkuza, u  wara li rat l-Artikoli 18, 198, 203(1)(a), u (c), 203A, 208A, 209, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta, tikkundanna lill-imputat ghal perjodu ta’ ghaxar (10) snin prigunerija.  In oltre il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dawn il-proceduri.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali tal-imputat; il-kollaborazzjoni tal-imputat mal-Pulizija; u l-fatt li kiseb ghajnuna psikjatrika minn rajh; il-fatt li l-abbuz gie prattikat mill-imputat fuq it-tlett minuri koncernati; l-fatt li l-abbuz gie inflitt fuq l-istess tlett minuri, b'regolarita' u bi frekwenza konsiderevoli fuq firxa ta' bejn erba' u hames snin ; il-fatt li l-abbuz gie kommess fuq zewg minuri meta dawn kienu taht id-disa' snin u il-gravita tal-kwalita tal-abbuz sesswali prattikat fuq dawn il-minuri li jikkomprendi l-istupru ta' tnejn minn tlett minuri koncernati.

Il-Qorti tordna illi l-isem tat-tlett minuri flimkien mal-partikolarijiet taghhom, u isem l-imputat (ziju tal-istess minuri), ma jigux ippubblikati fuq il-mezzi tax-xandir u **dan ghal ghan uniku sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri koncernati**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------